MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1090/2003

**St. George's Park Company Limited**

**Vs**

**Michael u Frances Bonnici**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-kumpanija attrici hija kreditrici tal-konvenuti ghas-somma ta' tnax-il elf sitt mija hamsa u hamsin liri Maltin u wiehed u sittin centezmu, (Lm12,655.61) import ta' ghaxar kambjali skaduti li ghadhom ma thallsux (kopji tal-kambjali ezebiti bhala Dok A).

Premess illi l-konvenuti, ghalkemm interpellati biex ihallsu, anke b'ittra ufficjali datata 16 ta' Mejju, 2003 (ittra ezebita bhala Dok B), baqghu inadempjenti.

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Procedura u Organizzazzjoni Civili, stante li dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u li fil-fehma ta’ l-attrici l-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu kontra l-hlas ta’ l-imsemmi ammont.

Ghaldaqstant il-kumpannija attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Procedura u Organizzazzjoni Civili.

2. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-kumpannija attrici ghas-somma ta’ tnax-il elf sitt mija hamsa u hamsin liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm12,655.61) import ta’ ghaxar kambjali skaduti li ghadhom ma thallsux.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-imsemmija somma ta’ tnax-il elf sitt mija hamsa u hamsin liri maltin u wiehed u sittin centezmu, (Lm12,655.61).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 16 ta’ Mejju, 2003, u bl-imghax legali mid-data ta’ l-iskadenza tal-kambjali sal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci

Semghet ix-xhieda ta’ Anthony Borg;

Ezaminat l–atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l–konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------